**Kunsill Lokali Safi**

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Id-Disa'Leġiżlatura

Laqgħa Numru 11/2024

19 ta' Settembru, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fil-4:00pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Kurt Debono | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Claire Zammit | Kunsilliera |

Skużat:

| | |
|---|---|
| Francis Callus | Viċi Sindku |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

## 11.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus kien ċempel li ma kienx jiflaħ. Il-Kunsill skużat mil-laqgħa.

## 11.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsillieri qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

11.1.1 Is-Sindku qal li ref punt 10.2.1 (għassa tal-pulizija u Community Police), kien qed jissuġġerixxi li ssir laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex naraw xi pjanijiet hemm għal futur tal-istess għassa tal-Pulizija u jekk ma hemmx il-ħsieb ta’ ristrutturar tal-għassa biex il-Kunsill ikun f’pożizzjoni li jitlob li l-għassa tingħata lura lill-Każin. Il-Kunsillier Kurt Debono qal li l-għassa ma kinitx qed tintuża u ma tagħmilx sens li tħalliha mitluqa għal xejn. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsill jiltaqa’ mal-Kummissarjubiex naraw x’inhi l-aħjar triq.

11.1.2 Is-Sindku qal li ref punt 10.2.4 (Ġnien Dun Karm Vella) kif kien miftiehem l-Kunsill kien ħa l-opinjoni ta’ Perit ieħor sabiex naraw jekk hux possibbli li jsir l-*underground parking* bla ma jinqalgħu s-siġar. Is-Sindku qal li l-Perit mhux qalbu maqtugħa għal kollox u talab li ngħaddulu s-survey li sar mill-Public Works forsi jkun hemm iċ-ċans li nħallu s-siġartat-tarf u nneħħu tan-nofs bil-galbu biex ma jmutux.

11.1.3 Is-Sindku qal li ref punt 10.3.10 (nursery tal-futbal) kien iltaqa’ mal-persuni li qed jipproponuha flimkien mal-Kunsillier Kurt Debono nhar is-Sibt 24 ta’ Awwissu, 2024 fejn dawn urew ix-xewqa li jibdew nursery bil-back up tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li kien ssuġerixxhielhom biex jiltaqgħu mal-MFA biex jaraw x’hemm bżonn biex jibdew nursery u kif jiġu lura b’dawn ir-risposti naraw minn hemm.

11.2 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

11.2.1 Is-Sindku qal li xtaq jinforma lill-Kunsill li fl-aħħar il-funtana tal-bandli kienet qed taħdem u li kien fadal biss li jinbidel il-ħadid ta’ madwar il-funtana. Is-Sindku rringrazzja lill-Public Works tax-xogħolijiet li għamlu.

11.2.2 Is-Sindku qal li nhar il-Ġimgħa 23 ta’ Awwissu 2024 flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu ltaqgħħu mac-CEO il-ġdid ta’ Infrastructure Malta. Is-Sindku spjega li l-Kunsill diġa’ kien għadda lista ta’ toroq lill-Infrastructure Malta u li sfortunatament ma sar xejn. Is-Sindku kompla jispjega li mat-talba tal-Kunsill kien hemm xi toroq li għad iridu jinfetħu mill-ġdid u li jekk ma jkunx hemm 80% bini, it-triq ma tinfetaħx. Is-Sindku qal li l-aktar li baqa’ jinsisti li jsiru fil-viċin kienu Triq iż-Żurrieq, Triq Filomenu Cachia, Triq Qerd in-Naħal, u Triq Stiefnu Erardi. Huwa spjega li Triq iż-Żurrieq kien hemm il-problema li l-asfalt tat-triq huwa għoli ħafna bil-konsegwenza li l-katusi tad-djar ġew nofshom mirduma filwaqt li triq Filomenu Cachia r-residenti għandhom aċċessibilita’ limitata u li kien qed jitlob li imqar li tinfetaħ sa mal-bini li

hemm eżistenti. Triq Qerd in-Naħal hemm residenti bi problema ta' għargħar u hemm bżonn li jsiru l-culverts meta ssir it-triq.

11.2.3 Is-Sindku qal li nhar il-Ġimgħa 6 ta' Settembru 2024, kellu laqgħa ma' kumpanija Finlandiża bl-isem ta' Cube Plus fejn urew ix-xewqa li jibdew Pilot Project mal-Kunsill ta' Ħal Safi fejn Cube Plus ikunu jistgħu jinstallaw bank (sustainable bench) f'post frekwentat ħafna minn nies iżda fl-istess ħin post sikur minħabba l-vandaliżmu. Is-Sindku spjega li dan il-bank jiswa €7,000 u ser jiġi nstallat bħala reklam biex jidħol fis-suq hawn Malta. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma din l-inizjattiva u li għandu jsir MOU bejnietna qabel ma jiġi nstallat.

11.2.4 Is-Sindku qal li nhar il-Ġimgħa 6 ta' Settembru 2024 flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu attendew laqgħa rigward il-proġett ta' New Water għat-tisqija tal-bdiewa. Huwa spjega minn fejn kienu ser jgħaddu b'dan il-proġett cioe minn fejn id-Dog Park in-naħa tal-ajruport u jibqgħu neżlin li Misraħ Ħlantun. Is-Sindku qal li minn naħa tal-Water Services Corporation kienu qed jikkonfermaw li ser jaħdmu medda ta' 100 metru kull darba u li ma kienux ser jagħlqu l-aċċess għall-bdiewa u r-raħħala miż-żewġ naħat.

11.2.5 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien applika għal skema ta' finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi u l-Kunsill kellu konferma li kien ser jibbenfika l-ammont ta' €2973.

11.2.6 Is-Sindku qal li l-Kunsill kollu kien irċieva invit tal-President ta' Malta u ssuġġerixxa li jsir trasport għal Palazz tal-President. Il-Kunsill qabel.

11.2.7 Is-Sindku qal li x-xufier kien avżah li ma kienx ser jispiċċa f'Ottubru li ġej u li kien ser jaħdem sentejn oħra. Is-Sindku qal ukoll li kellu diversi talbiet biex nġeddu t-trasport tal-vann għal San Vinċenz de Paul. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma din it-talba u hekk inkunu qed nimmassimiżżaw l-użu tal-vann.

Il-Kunsilliera Joanna Abdilla daħlet għal laqgħa 18.44

11.2.8 Is-Sindku qal li *Rush Athletic Club* kienu qed jitolbu l-approvazzjoni tal-Kunsill għat-tellieqa 5k nhar il-Ħadd 1 ta' Diċembru, 2024. Huwa spjega li normalment nipprovdu l-ilma għal din l-attivita'. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li napprovaw din it-tellieqa u li nżommu mal-budget tas-sena l-oħra għax-xiri tal-ilma.

11.2.9 Is-Sindku qal li rċieva talba sabiex issir *sleeping police* fis-*service road* ta' Triq il-Kuċċard għaliex kienu qed isiru ħafna nċidenti. Il-Kunsill iddiskuta u approva din l-isleeping police.

11.2.10 Is-Sindku qal li kien irċieva talba sabiex issir mera fl-area ta' Ġawhar. Huwa spjega fejn qed jinħoloq il-periklu. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ssir mera jew tnejn skontil-ħtieġa biex jitnaqqas il-periklu.

11.2.11 Is-Sindku qal li hekk kif kien qed joqrob għeluq is-sena, il-Kunsill kien jinħtieġ li jibda jaħseb għall-armar tal-Milied. Huwa spjega li s-sena l-oħra konna żidna l-armar fi Triq iż-Żurrieq, Triq San Pawl u fejn il-Kappillan u din is-sena xtaq jissuġġerixxi li nżidu wkoll id-dawra l-antika tal-purċissjoni, u l-Kunsill jara mall-Każin jekk jistgħux jarmaw Triq l-iskola jew ħdejn il-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta u qabel.

**11.3 Tweġibiet tal-Kunsilliera**

11.3.1 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla staqsiet jekk il-Kunsill kienx ser jagħmel laqgha apposta fuq Festa Familja. Is-Sindku kkonferma li kienet ser issir laqgħa sabiex il-Kunsill kollu jkun involut f'din l-attivita'.

11.3.2 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla staqsiex rigward iż-żebra crossing fejn iċ-ċimiterju. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien qed jiġbor kwotazzjonijiet.

11.3.3 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li ż-żebgħa tas-service road fi Triq il-Kuċċard ma kinitx tidher u kien jinħtieġ li jerġgħu jduruhom.

11.3.4 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla staqsiet jekk il-Kunsill kienx irċieva konferma tal-vouchers għall-ikel tal-qtates. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sa dak inhar il-Kunsill ma kien irċieva xejn.

11.3.5 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li meta sar iż-żbir fi Triq Carmelo Caruana baqgħu għaddejjin b'kollox u neħħew anki l-arbuxelli. Is-Sindku kkonferma li kienu ġew ineħħu l-ħaxix tal-Cleansing pero' kien ilhom xi ftit taż-żmien.

Il-Kunsilliera Joanna Abdilla staqsiet jekk il-Kunsill kienx jista' jerġa' jiżra xi arbuxelli ġodda. Is-Sindku kkonferma li jekk kien għaddej l-irrigation ma kinitx problema li jerġgħu jinżergħu l-arbuxelli mill-ġdid.

11.3.6 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li mar-roundabout kien hemm tabella li kellha bżonn tinbidel għaliex ma kinitx għadha tingħaraf.

11.3.7 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li kienet irċiviet ilment li fi Triq ta' Rqajja l-bozza tat-triq kienet qed tagħti ħafna dawl u l-persuna kienet qed titlob li jsir cover sabiex jitnaqqas id-dawl li qed jidħol fid-dar tagħha. Is-Sindku qal li l-Kunsill jista' jara x'wattage għandha l-bozza u fil-każ nitolbu li jitnaqqas il-wattage.

11.3.8 Il-Kunsilliera Clarie Zammit qalet li meta saret il-preżentazzjoni tal-kotba fil-librerija iddiskutiet mal-librara x'jista' jsir sabiex inkomplu intejbu l-entużjażmu għall-qari. Hija qalet li issa kien imiss l-attivita' għal Halloween fejn it-tfal li jattendu l-librerija fit-31 ta' Ottubru, 2024 biex jisselfu ktieb jingħataw treat. Il-Kunsilliera Claire Zammit qalet li din is-sena kienu ser ikabbru ftit aktar u apparti li jingħataw treat kienet ser tiġi organizzata kompetizzjoni fejn minn jiġi l-ewwel u t-tieni jingħata ktieb u kull minn jipparteċipa jingħata goody bag. Apparti dan barra l-librerija fuq it-terf jintrama kamp b'xi dekorazzjonijiet tal-Halloween. Il-Kunsill qabel.

11.3.9 Il-Kunsilliera Claire Zammit qalet li nhar l-Erbgħa ta' Settembru kienet attendiet laqgħa tal-isport u kultura flimkien mal-Kunsilliera Joanna Abdilla. Hija spjegat li fiż-żmien qarib kien ser isir ġbir ta' informazzjoni sabiex jinħoloq direttorju tal-artisti fil-lokal.

11.3.10 Il-Kunsilliera Claire Zammit qalet li waqt l-istess laqgħa ġew infurmati li kien opportunita' tal-GMI li hija organizzazzjoni tal-Mużika fejn kien ser isir training ta' 4 t'ijiem f'Ċipru għal nies involuti fil-mużika. Hija qalet li kienet avviċinat lil tal-Banda u lil tal-Kor pero' it-tnejn ma setgħux fil-jiem li kien hemm t-training.

11.3.19Il-Kunsilliera Claire Zammit qalet li kienet irċiviet ilment li fi Triq San Tumas kien hemm ħafna ħmieġ tal-qtates u li ma kienx qed jinġabar regolari. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ser jiċċekja mal-Contracts Manager u s-Sindku ta kopja tas-schedule tal-knis sabiex tkun tista' tara meta kien qed jgħaddi l-kennies.

11.3.20 Il-Kunsilliera Claire Zammit qalet ukoll li mill-fond tal-Kultura kien fadal €500 sabiex issir play miż-żagħżagħ tal-Każin. Hija qalet li l-President kien qed jagħmilha ċara li l-fondi għandhom jintużaw din is-sena u għalhekk kien jinħtieġ li tittieħed deċiżjoni rigward jekk hux ser issir il-play jew le. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ser isir sforz sabiex issir.

11.3.21Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li fl-istess laqgħa tħabbar li ser jibda jsir tournament pero' dan ser ikun immirat għan nurseries għalhekk Ħal Safi ma jistax jieħu sehem minħabba l-fatt li ma hawnx nursery.

11.3.22 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li Triq Ta' Rqajja kien hemm xi bankijijet li tneħħew u ma reġgħux twaħħlu. Is-Sindku kkonferma li veru kien hemm il-bankijiet u meta l-Kunsill għamel mill-ġdid il-bankina ta' l-istess triq mela ma kienux reġgħu twaħħlu. Huwa qal li jekk hemm il-bankijiet fil-garaxx dawn jerġgħu jeħlu.

11.3.23Il-Kunsillier Kurt Debono qal li l-bandiera mar-roundabout fi Triq il-Karwija kienet għadha ma ittellgħetx. Is-Sindkuqal li meta sar il-fustun għal żmien il-festa suppost kellha titranġa il-ħolqa tal-bandiera li kienet tqaċċtet. Huwa qal li kien ser jara għaliex il-bandiera baqgħet ma ttellgħetx.

11.3.24Il-Kunsillier Kurt Debono qal li fis-Sajf Triq il-Kuċċard ikun mimli nies jaraw in-nar tal-irħula tal-madwar u kien irċieva suġġeriment sabiex jiżdiedu l-bankijiet. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jekk ma għandniex l-istess bankijiet nixtru bank jew tnejn sabiex jeħlu fi Triq il-Kuċċard.

11.3.25Il-Kunsillier Kurt Debono qal li fi Triq il-Ħajt Ruman u ħdejn iċ-ċimiterju kien hemm 4 toqob li jintużaw biex jintramaw arbli għal żmien il-festa li ma kellhomx tappieri. Huwa ssuġerixxa li jsirilhom tappiera addatata biex tingħalaq u tinfetaħ u fl-istess ħin tkun sikura għal min ikun miexi fit-triq. Il-Kunsill qabel.

11.3.26 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li kien għadha kemm irċiviet ilment li triq in-Nassaba kantuniera ma Triq is-Summien kien hemm ħofra kbira. Hija qalet li hija kienet ser tmur tara fuq il-post.

**11.4 Rapporti**

Approvazzjoni Pjan ta' Ħidma 2024 – 2029

Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tal-Pjan ta' Ħidma 2024 – 2029 lis-Sindku u l-Kunsillieri kollha. Dan ġie approvat biex jiġi uploadjat online.

Apporazzjoni t-Tieni Kwart tal-Estimi Finanzjarji (Q2)

Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tat-tieni *Quarterly Financial Statements* Q2 (Jan – Ġunju 2024) lis-Sindku u l-Kunsillieri kollha. Dan ġie approvat biex jiġi uploadjat online.

**11.5 Approvazzjoni l-Ewwel Fażi Traffic Management**

Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv kienet għaddiet kopja tal-approvazzjoni tal-ewwel fażi tat-traffic management li l-Kunsill kien irċieva l-approvazzjoni tiegħu minn Transport Malta. Il-Kunsill iddiskuta u approva lit-toroq imsemmija jsiru *One Way*.

One Way System - Triq it-Tellerit (Minn naħa ta’ Triq Kuċċard)

One Way System - Triq is-Summien (Minn naħa ta’ Triq Nassaba)

One Way System - Triq ta l-Ajżar (il-parti d-dejqa minn naħa ta’ Triq Qerd in-Naħal)

One Way System - Triq l-Iskola (il-parti minn Triq ta’ Gawhar sa Triq iz-Zurrieq)

One Way System – mill-pjazza lejn Triq iż-Żurrieq (except for public transport)

One Way System – mill-pjazza lejn Triq Dun Ġużepp Caruana (Parti li Tmiss mad-dar ta’ Ġemma)

Il-Kunsill iddiskuta ukoll u qabel li għalissa l-access minn Triq Santa Marija għal Triq Dun Gużepp Caruana ma jingħalaqx. Madankollu s-Sindku qal li għandu jsir moniteraġġ u jekk jirriżulta li t-traffiku ‘in transitu’ lejn iż-Żurrieq jibda jgħaddi minn din it-triq, allura ma jkunx hemm soluzzjoni oħra ħlief li din it-triq tingħalaq ukoll għax inkella l-iskop li neliminaw it-traffiku ‘in transitu’ u nnaqqsu b’mod drastiku t-traffiku li qed jgħaddi miċ-ċentru tar-raħal ma jkunx intlaħaq, u l-eżercizzju ta’ traffic management ikun sar għalxejn. Il-Kunsill qabel li jistenna bi prova u f’każ li traffiku jibda jgħaddi minn din it-triq tingħalaq ukoll.

**11.6 Festa Familja**

Is-Sindku qal li l-organiser kien diġa’ beda jaħdem fuq Festa Familja u xtaq jiltaqa’ mal-Kunsill kollu biex issir diskussjoni rigward din l-attivita’. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jiltaqa’ il-Ħamis 26 ta’ Settembru, 2024 fil-5:00pm.

**11.7 Clean UP – 2024**

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien iltaqa’ mal-Manager tar-Reġjun minħabba l-Clean Up ta’ din is-sena. Huwa qal li waqt l-istess laqa’ il-Kunsill qabel li jsir tindifa fl-inħawi viċin id-Dog Park u kienet ser issir nhar it-Tnejn 23 ta’ Settembru. 2024.

**11.8 Attivita' Ġbir taż-Żebbuġ**

Is-Sindku qal li din is-sena l-Kunsill kien ser jerġa' joranizza attivita' fejn jinġabar iż-Żebbuġ. Huwa spjega li din is-sena ż-żebbuġ baqa' żgħir u li l-attivita ser issir nhar il-Ħadd 3 ta' Novembru, 2024.

**11.9 Framework Agreement Public Works**

Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekutitv kienu attendew laqgħa mal-Public Works rigward l-Framework Agreement. Huwa spjega li l-ewwel deadline sabiex il-Kunsill jitfa' t-talba tiegħu sabiex isiru x-xogħolijiet mill-Public Works kienet l-aħħar ta' Ottubru, 2024. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsilliera jiġu bil-proposti tax-xogħolijiet li jiġu approvati fil-laqgħa ta' Ottubru biex il-Kunsill ilaħħaq japplika għall-istess xogħolijiet. Il-Kunsill qabel.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija kienet attendiet għal laqgħa imsejħa *Vjal Kulħadd* fejn il-Kunsill tagħna seta' japplika biex isir il-proġett ta' tisbiħ tal-pjazza. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li fil-laqgħa li jmiss il-Kunsill jgħid lil Perit Antoine Zammit jattendi biex jiġi diskuss l-applikazzjoni għal dan il-proġett. Il-kunsill qabel.

**11.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjonital-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

**11.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fil-21.37. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tlieta 8 ta' Ottubru, fil-5:30 pm.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv